# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum, il-Gimgha 15 ta’ Marzu 2019

**Mandat ta' Inibizzjoni**

**ta' Partenza ta' minuri**

**Numru : 250/2018/2 JPG**

**VBS**

**Vs**

**MS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta’ VBS, datat 22 ta’ Ottubru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti ghandha nteress illi l-minuri hawn taht imsemmi ma jittihidx barra minn Malta;*

*Illi l-intimat huwa persuna li ghandu, jew li jista’ jkollu il-kustodja legali jew attwali tal-imsemmi minuri;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimat jew l-intimati fejn huwa jigu ordnati milli jiehu jew jippermetti lil xi had jiehu l-imsemmi minuri barra minn Malta;*

*Dettalji tal-minorenni:*

*TS imwielda f'Malta X b'xagharha kannella u ghajnejha cari li jaghtu fil-griz u toqghod Y u*

*DSB imwielda f'Malta W, b'xagharha kannella u ghajnejha cari li jaghtu fil-griz u toqghod Y (Ritratti annessi).*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi Dr. Ellul iddikjarat illi l-intimat ma ghandux oppozizzjoni ghat-talba ghall-hrug tal-mandat u iddikjarat ukoll illi ma nhareg l-ebda passaport ghall-minuri koncernati (Vide fol 19);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

L-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi *inter alia* illi:

"***(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***

***(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni lijkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***

***(3) Il-mandat għandu jiġi wkoll notifikat:***

***(a) lill-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ ta' passaporti b'ordni biex ma joħroġx, u/jew jikkonsenja, passaport li fih ikun hemm imdaħħal il-persuna ta' taħt l-età u biex ma jdaħħalx isem dik il-persuna taħt l-età fil-passaport tar-rappreżentanti legali tagħha jew fil-passaport ta' persuna oħra; u***
***(b) lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ordni biex ma jħallix lil dik il-persuna ta' taħt l-età titlaq minn Malta.***"

Il-Qorti rat illi fil-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar 2019, l-intimat iddikjara, tramite l-avukat difensur tieghu, illi huwa m’ghandux opposizzjoni ghat-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta’ dan il-mandat t’inibizzjoni, u noltre ddikjara li ma nhareg l-ebda passaport ghat-tfal minuri tal-partijiet, TS u DSB.

Illi ghalhekk, wara li rat din id-dikjarazzjoni, u dak li jipprovdu l-Artikoli 873 sa 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqis illi jikkonkorru r-rekwiziti kollha ghall-hrug ta’ dan il-mandat u ghaldaqstant tqis illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement tinibixxi lill-intimat MS milli jiehu lil minuri TS, imwielda f’Malta X b’xagharha kannella u ghajnejha cari li jaghtu fil-griz u toqghod Y u lil DSB, imwielda f’Malta W, b’xagharha kannella u ghajnejha cari li jaghtu fil-griz u toqghod Y jew li jippermetti lil xi hadd jiehu l-imsemmija minuri barra mill-gzejjer ta’ Malta u Ghawdex. Inoltre, tordna n-notifika ta’ din id-decizjoni lill-awtoritajiet koncernati skond il-ligi b’ordni li ma johorgux, u/jew ma jikkonsenjawx, passaport li fih ikun hemm imdaħħal l-imsemmija minuri fuq indikati u biex ma jdahhlux l-isem tal-minuri fuq indikati fil-passaport tar-rappreżentanti legali tal-intimat jew fil-passaport ta’ persuna oħra.**

**Il-Qorti tordna illi kopja ta’ dan id-digriet jigi notifikat lil Awtoritajiet koncernati.**

**In vista tac-cirkostanzi, il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moghti kameralment.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**